KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fit-3 ta' Mejju 2016 [1]

**Kawża C-554/14**

**Proċeduri kriminali**
**vs**
**Atanas Ognyanov**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofia, il-Bulgarija)]

"Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI — Artikolu 17 — Dritt li jirregola l-eżekuzzjoni ta' miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà — Regola nazzjonali tal-Istat ta' eżekuzzjoni li tipprovdi għat-tnaqqis tal-piena minħabba xogħol imwettaq mill-persuna kkundannata matul id-detenzjoni tagħha fl-Istat emittenti — Ammissibbiltà — Prinċipju ta' territorjalità tal-liġi kriminali — Prinċipju tal-individwalizzazzjoni tal-piena — Għan tar-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkonċernata — Obbligu ta' interpretazzjoni konformi"

## I – **Introduzzjoni**

1. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tanalizza aspett tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali li sal-lum ftit ġie żviluppat mill-ġurisprudenza. Dan jirrigwarda d-dritt u l-modalitajiet applikabbli għall-eżekuzzjoni ta' priġunerija meta persuna kkundannata tiġi ttrasferita, abbażi tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI [2], mill-Istat Membru tal-kundanna [3] lejn l-Istat Membru ta' oriġini jew ta' residenza tiegħu [4].

2. B'mod partikolari, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofia, Il-Bulgarija) tistaqsi dwar ir-regoli applikabbli għall-għoti ta' tnaqqis tal-piena.

3. Permezz tas-sentenza tat-28 ta' Novembru 2012, Atanas Ognyanov, ċittadin Bulgaru, ġie kkundannat mill-awtoritajiet ġudizzjarji Daniżi għal priġunerija ta' ħmistax-il sena minħabba t-twettiq ta' serq aggravat u qtil fit-territorju Daniż. Dan tqiegħed f'detenzjoni f'ħabs Daniż mill-10 ta' Jannar 2012 sal-1 ta' Ottubru 2013, id-data li fiha huwa ġie ttrasferit lill-awtoritajiet ġudizzjarji Bulgari.

4. A. Ognyanov ħadem matul id-detenzjoni tiegħu fid-Danimarka.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Deċiżjoni qafas tal-Kunsill, tas-27 ta' Novembru 2008, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2008, L 327, p. 27, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni qafas").

3 — Iktar 'il quddiem l-"Istat emittenti". Skont l-Artikolu 1(ċ) tad-deċiżjoni qafas, dan jirrigwarda l-Istat Membru li fih tkun ingħatat sentenza.

4 — Iktar 'il quddiem l-"Istat ta' eżekuzzjoni". Skont l-Artikolu 1(d) tad-deċiżjoni qafas, dan jirrigwarda l-Istat Membru li tiġi trażmessa lilu sentenza għall-fini tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tagħha.

5. Is-Sofiyskir gradski sad (qorti tal-belt ta’ Sofia) illum hija mitluba tiddeċiedi dwar kwistjonijiet relatati mal-modalitajiet ta’ eżekuzzjoni ta’ din il-piena, u b’mod partikolari dwar il-kumplament tal-piena li għadha trid tiġi eżegwita. Huwa f’dan il-kuntest li tqajmet il-kwistjoni ta’ tnaqqis tal-piena minħabba xogħol imwettaq mill-persuna kkonċernata matul id-detenzjoni tagħha fid-Danimarka.

6. Billi l-leġiżlazzjoni Daniża ma tippermettix li jingħata tali tnaqqis tal-piena, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk hija għandhiex dritt, skont il-ġurisprudenza tal-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta’ kassazzjoni, Il-Bulgarija), tapplika l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha li hija iktar favorevoli għall-perijodu ta’ detenzjoni mwettaq minn A. Ognyanov fid-Danimarka. Fil-fatt, b’applikazzjoni tan-Nakazatelen Kodeks (Kodiċi Kriminali Bulgaru) [5], jumejn xogħol jikkorrispondu għal tlett’ijiem ta’ priġunerija. B’hekk, il-persuna kkonċernata tibbenefika minn tnaqqis tal-piena mhux ta’ sena, tmien xhur u għoxrin jum, iżda ta’ sentejn, sitt xhur u erba’ u għoxrin jum, fatt li jippermettilu li jerġa’ jikseb il-libertà iktar kmieni [6].

7. Għal dan il-għan, il-qorti tar-rinviju bbażat lilha nnifisha fuq l-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas.

8. Skont din id-dispożizzjoni, l-eżekuzzjoni ta’ piena għandha tkun irregolata bil-liġi tal-Istat ta’ eżekuzzjoni. Il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea jindika li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta’ dan l-Istat huma għalhekk l-uniċi kompetenti biex jiddeċiedu dwar il-modalitajiet ta’ eżekuzzjoni tal-piena u biex jiddeterminaw il-miżuri relatati magħha, bil-kundizzjoni li, minn naħa, jitnaqqas il-perijodu kollu ta’ priġunerija diġà skontat fl-Istat emittenti, u min-naħa l-oħra, li jiġi osservat id-dmir ta’ informazzjoni previst fil-paragrafu (3) tal-imsemmija dispożizzjoni.

9. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk, skont l-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas, hija għandhiex dritt tissostitwixxi l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha għal-leġiżlazzjoni Daniża, iktar stretta, b’mod li tagħti lill-persuna kkonċernata tnaqqis tal-piena minħabba xogħol li hija wettqet qabel it-trasferiment tagħha.

10. F’dawn il-konklużjonijiet, jiena ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikolu 17(1) u (2) tad-deċiżjoni qafas jipprekludu regola nazzjonali bħal dik fil-kawża prinċipali, u dan anki jekk din tal-aħħar hija iktar favorevoli għall-persuna kkundannata.

11. L-analiżi tiegħi ser tkun, b’mod partikolari, iggwidata mill-osservanza ta’ żewġ prinċipji, dak tat-territorjalità tal-liġi kriminali u dak tal-individwalizzazzjoni tal-piena li fuqhom hija bbażata l-liġi kollha tal-eżekuzzjoni tal-pieni. Ser niddefinixxi l-portata ta’ dawn il-prinċipji u ser nispjega r-raġunijiet li għalihom l-osservanza tagħhom teħtieġ li l-eżekuzzjoni ta’ priġunerija, u b’mod partikolari l-għoti ta’ tnaqqis tal-piena, huma rregolati mid-dritt tal-Istat Membru li fih l-persuna kkundannata kienet effettivament detenuta. Jiena ser ninsisti wkoll dwar l-osservanza neċessarja tas-sovranità nazzjonali tal-Istat emittenti u dwar dak li timplika l-fiduċja reċiproka li l-Istati Membri għandu jkollhom fil-kuntest tal-implementazzjoni tad-deċiżjoni qafas.

12. Għalkemm nirrikonoxxi li, f’sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, il-leġiżlazzjoni Bulgara tidher effettivament iktar favorevoli għall-persuna kkonċernata, jiena ser nikkonkludi, madankollu, li fid-dawl tal-kampijiet ta’ kompetenza territorjali rispettivi, l-Istat ta’ eżekuzzjoni ma jistax leġittimament japplika ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali tiegħu għall-eżekuzzjoni tal-piena fit-territorju tal-Istat emittenti. Fin-nuqqas tal-applikabbiltà tal-leġiżlazzjoni Bulgara, ir-regola tar-retroattività tal-liġi kriminali l-iktar favorevoli inkluża fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [7] ma tistax għalhekk tkun applikata.

5 — Iktar ’il quddiem in-“NPK”.

6 — Fil-kuntest tad-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża Ognyanov (C-614/14), pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u tar-rapport tiegħi, il-prosekutur ġenerali tas-Sofiyska gradska prokuratura (Ministeru Pubbliku tal-Belt ta’ Sofia, Il-Bulgarija) jikkontesta l-kalkolu magħmul mill-qorti tar-rinviju peress li dan ma jiħux inkunsiderazzjoni l-jiem franki.

7 — Iktar ’il quddiem il-“Karta”.

## II – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

#### 1. Id-deċiżjoni qafas

13. Id-deċiżjoni qafas hija bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku[8] tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, li jipprovdi li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji għandhom jiġu eżegwiti direttament fl-Unjoni kollha mingħajr ebda proċedura ta' approvazzjoni[9].

14. Skont il-premessa 9 u l-Artikolu 3(1) tagħha, id-deċiżjoni qafas hija intiża sabiex tiżgura r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi[10] li jimponu kundanna[11] li ġġorr piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat emittenti, u dan sabiex tiġi ffaċilitata r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkundannata.

15. Peress li huwa neċessarju għal-libertà ta' moviment, it-trasferiment tal-persuna kkundannata lejn l-Istat Membru ta' oriġini jew ta' residenza tiegħu għandu jagħtih l-opportunità ta' riabilitazzjoni soċjali billi jagħtih il-possibbiltà li jżomm ir-rabtiet familjari, lingwistiċi u kulturali tiegħu.

16. Wara li jikseb ċertezza li l-eżekuzzjoni tas-sentenza mill-Istat ta' eżekuzzjoni ser tikkontribwixxi għal dan il-għan, l-Istat emittenti għandu jibgħat lill-awtoritajiet ta' dan l-Istat is-sentenza tal-kundanna skont il-modalitajiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 tad-deċiżjoni qafas.

17. F'dan ir-rigward, huwa għandu jannetti ċertifikat debitament mimli u li l-mudell tiegħu jinsab fl-Anness I tad-deċiżjoni qafas. Dan iċ-ċertifikat jinkludi tabelli differenti li jippermettu lill-Istat emittenti jagħti informazzjoni dwar l-identità tal-individwu pproċessat u tal-awtorità li tat is-sentenza, in-natura tar-reat imwettaq kif ukoll in-natura u t-tul tal-kundanna.

18. Taħt it-tabella (i) ta' dan l-anness, intitolata "Status tas-sentenza li timponi l-[kundanna]", il-punt (2), li jirrigwarda l-indikazzjonijiet dwar it-tul tal-kundanna, jistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti jimlew il-punti segwenti:

"2.1 Tul totali tal-[kundanna] (f'jiem):

2.2 Il-perijodu sħiħ ta' ċaħda tal-libertà li huwa diġà skontat b'konnessjoni mal-[kundanna] fir-rigward ta' liema nħarġet is-sentenza (f'jiem):

[…] sa […] (indika d-data li fiha sar il-kalkolu: jj-xx-sena): […]

2.3 Numru tal-jiem li għandhom jitnaqqsu mit-tul totali tal-[kundanna] għal raġunijiet oħra minbarra dik prevista fil-punt 2.2 [pereżempju amnistija, maħfra jew miżura ta' klemenza diġà mogħtija fir-rigward tal-[kundanna]:

[…] sa […] (indika d-data li fiha sar il-kalkolu: jj-xx-sena): […]

8 — Premessi 1, 2 u 5 tagħha.

9 — Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropea ta' Tampere tal-15 u 16 ta' Ottubru 1999.

10 — Skont l-Artikolu 1(a) tad-deċiżjoni qafas, il-kunċett ta' "sentenza" jipprevedi "deċiżjoni finali jew ordni tal-qorti ta' l-Istat emittenti li timponi piena fuq persuna fiżika".

11 — Skont l-Artikolu 1(b) tad-deċiżjoni qafas, il-kunċett ta' "[kundanna]" huwa ddefinit bħala "kwalunkwe piena ta' kustodja jew kwalunkwe miżura li tinvolvi ċaħda tal-libertà imposta għal perijodu ta' żmien limitat jew mhux limitat minħabba reat kriminali abbażi ta' proċedimenti kriminali".

[…]”

19. L-Artikolu 8 tad-deċiżjoni qafas, intitolat “Rikonoxximent tas-sentenza u [eżekuzzjoni tal-kundanna]” fil-paragrafu (1) tiegħu jipprovdi:

“L-awtorità kompetenti ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni għandha tirrikonoxxi s-sentenza li tkun ġiet trasmessa skond l-Artikolu 3a u waqt li tiġi segwita l-proċedura taħt l-Artikolu 5, u għandha minnufih tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-[eżekuzzjoni tal-kundanna], sakemm ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet għal [nuqqas ta’] rikonoxximent jew [eżekuzzjoni tal-kundanna] previsti fl-Artikolu 9”.

20. L-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas, intitolat “Liġi li tirregola l-[eżekuzzjoni]”, - li l-interpretazzjoni tiegħu qed tintalab hawn hekk – huwa fformulat kif ġej:

“1. L-[eżekuzzjoni tal-kundanna għandha tkun irregolata] bil-liġi ta’ l-Istat ta’ [eżekuzzjoni]. L-awtoritajiet ta’ l-Istat ta’ [eżekuzzjoni] waħedhom għandhom, soġġett għall-paragrafi 2, u 3, jkunu kompetenti biex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għall-[eżekuzzjoni] u biex jiddeterminaw il-miżuri kollha relatati [magħha], inklużi r-raġunijiet għal liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata.

2. L-awtorità kompetenti ta’ l-Istat ta’ -[eżekuzzjoni] għandha tnaqqas il-perijodu kollu ta’ ċaħda tal-libertà diġà skontata b’konnessjoni mal--[kundanna] li fir-rigward tagħha nħarġet is-sentenza mit-tul ta’ żmien totali taċ-ċaħda tal-libertà li għandu jiġi skontat.

3. L-awtorità kompetenti ta’ l-Istat ta’ -[eżekuzzjoni] għandha, fuq talba, tinforma lill-awtorità kompetenti ta’ l-Istat emittenti dwar id-dispożizzjonijiet applikabbli għal liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata. L-Istat emittenti jista’ jaqbel ma’ l-applikazzjoni ta’ tali dispożizzjonijiet jew jista’ jirtira ċ-ċertifikat.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li kwalunkwe deċiżjoni dwar liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata tista’ tieħu kont ta’ dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali indikati mill-Istat emittenti, li taħthom il-persuna għandha d-dritt għal liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata f’mument speċifiku”.

21. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(1) tagħha, id-deċiżjoni qafas, b’effett mill-5 ta’ Diċembru 2011, tissostitwixxi l-Konvenzjoni dwar it-trasferiment ta’ persuni kkundannati, iffirmata fi Strasbourg fil-21 ta’ Marzu 1983 [12], kif ukoll il-Protokoll Addizzjonali tagħha tat-18 ta’ Diċembru 1997.

22. Id-deċiżjoni qafas kellha, skont l-Artikolu 29(1) tagħha, tkun implementata mill-Istati Membri qabel l-5 ta’ Diċembru 2011. Ir-Renju tad-Danimarka ttrasponiha, li ma huwiex il-każ għar-Repubblika tal-Bulgarija.

B – *Id-dritt Bulgaru*

23. L-Artikolu 41(3) tan-Nakazatelen kodeks (Kodiċi Kriminali) jipprovdi li x-xogħol imwettaq mill-persuna kkundannata għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għal finijiet ta’ tnaqqis tat-tul tal-piena fis-sens li jumejn xogħol għandhom jiġu assimilati ma’ tlett ijiem priġunerija.

12 — Iktar ’il quddiem il-“Konvenzjoni dwar it-trasferiment”. Din il-Konvenzjoni hija disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Kunsill tal-Ewropa. Hija kienet irratifikata minn 64 Stat u daħlet fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 1985. Fost l-Istati Membri, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tal-Finlandja biss ma ffirmawhix.

24. L-Artikolu 457 tan-Nakazatelno protsesualen Kodeks (Kodiċi ral-Proċedura Kriminali Bulgaru) [13], intitolat "Riżoluzzjoni tal-qorti dwar kwistjonijiet marbuta mal-eżekuzzjoni ta' sentenza", jipprovdi:

"1. Ladarba l-persuna kkundannata tidħol fir-Repubblika tal-Bulgarija jew jiġi stabbilit li tinsab fit-territorju tagħha, il-prosekutur ġenerali għandu jibgħat is-sentenza aċċettata għall-eżekuzzjoni kif ukoll id-dokumenti annessi magħha lis-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofia […]) flimkien ma' proposta fir-rigward tar-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet marbuta mal-eżekuzzjoni tagħha.

2. Is-[Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofia)] għandha tiddeċiedi dwar il-proposta permezz ta' digriet waqt seduta li fiha jipparteċipa l-prosekutur u li matulha l-persuna kkundannata hija msejħa sabiex tidher.

3. Id-digriet isemmi n-numru u d-data tas-sentenza li għandha tiġi eżegwita, il-kawża li fiha ngħatat, it-test tal-liġi Bulgara li jipprovdi responsabbiltà għar-reat kriminali mwettaq u t-tul tal-priġunerija deċiż mill-qorti barranija u għandu jiddetermina s-sistema inizjali tal-piena li trid tiġi skontata kif ukoll it-tip tal-faċilità korrettiva.

4. Jekk it-tul massimu ta' priġunerija previst mid-dritt Bulgaru għar-reat kriminali mwettaq ikun inqas mit-tul mogħti fis-sentenza, is-[Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofia)] għandha tnaqqas il-piena mogħtija għal dan it-tul. Jekk id-dritt Bulgaru ma jipprovdix priġunerija għar-reat kriminali mwettaq, [hija għandha] tistabbilixxi piena li tikkorrispondi kemm jista' jkun għall-kundanna mogħtija fis-sentenza.

5. Il-perijodu ta' detenzjoni provviżorja u tal-piena diġà skontata fl-Istat tal-kundanna għandu jitnaqqas u – jekk il-kundanni huma differenti – dan għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-iffissar tat-tul tal-piena.

6. Il-pieni kumplimentarji mogħtija fis-sentenza għandhom jiġu eżegwiti jekk dawn ikunu previsti fid-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt Bulgaru u ma jkunux ġew eżegwiti fl-Istat tal-kundanna.

7. Id-digriet tal-qorti huwa appellabbli quddiem is-Sofiyski Apelativen sad (qorti tal-appell tal-belt ta' Sofia, Il-Bulgarija)".

## III – **Il-fatti tal-kawża prinċipali**

25. A. Ognyanov, ċittadin Bulgaru, ġie kkundannat fid-Danimarka għal piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà ta' ħmistax-il sena wara li wettaq serq aggravat u qtil fit-territorju Daniż. Huwa tqiegħed f'detenzjoni f'faċilità korrettiva Daniża mill-10 ta' Jannar 2012 sal-1 ta' Ottubru 2013, data li fiha huwa ġie ttrasferit lill-awtoritajiet ġudizzjarji Bulgari.

26. Matul id-detenzjoni tiegħu fid-Danimarka, A. Ognyanov ħadem, speċifikament mit-23 ta' Jannar 2012 sat-30 ta' Settembru 2013.

27. L-awtoritajiet ġudizzjarji Daniżi bbażaw lilhom infushom fuq id-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni qafas sabiex jipproċedu għat-trasferiment tal-persuna kkonċernata. B'mod partikolari, huma talbu lill-awtoritajiet Bulgari jinformawhom dwar il-piena li dawn tal-aħħar kienu ser jeżegwixxu u dwar ir-regoli applikabbli fil-qasam tal-liberazzjoni bikrija. F'dan ir-rigward, huma indikaw espressament li l-leġiżlazzjoni Daniża ma tippermettix tnaqqis tal-piena tal-persuna kkonċernata minħabba xogħol mwettaq minnha matul id-detenzjoni tagħha. Ma huwiex eskluż, fl-opinjoni tiegħi, li l-awtoritajiet ġudizzjarji Daniżi kienu ħadu inkunsiderazzjoni x-xogħol imwettaq waqt id-detenzjoni minn A. Ognyanov b'mod ieħor.

13 — Iktar 'il quddiem in-"NPK".

28. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-awtoritajiet ġudizzjarji Bulgari rrikonoxxew is-sentenza mogħtija mill-awtoritajiet ġudizzjarji Daniżi u aċċettaw li jeżegwixxu l-piena imposta. Għal dan il-għan u skont it-termini tal-Artikolu 457 tan-NPK, il-Prosekutur Ġenerali fil-Ministeru Pubbliku tal-belt ta' Sofia talab lill-qorti tar-rinviju sabiex hija tiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet marbuta mal-modalitajiet tal-eżekuzzjoni tal-piena, u b'mod partikolari sabiex tiddetermina l-kumplament tal-piena li għad trid tiġi skontata.

29. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk għandhiex dritt, skont il-ġurisprudenza tal-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni) tagħti lill-persuna kkonċernata tnaqqis tal-piena minħabba xogħol mwettaq minnha matul il-priġunerija tagħha fid-Danimarka.

30. Fil-fatt, f'sentenza tat-12 ta' Novembru 2013, il-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni) ikkunsidrat li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 457(5) tan-NPK, ix-"xogħol ta' interess ġenerali mwettaq fl-Istat tal-kundanna mill-persuna kkundannata Bulgara ttrasferita għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mis-[Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofia)] bil-ħsieb ta' tnaqqis tat-tul tal-piena, ħlief jekk it-tul tal-piena li għad irid jiġi skontat iddeterminat mill-Istat emittenti jkun ġie kkalkolat wara t-teħid inkunsiderazzjoni tax-xogħol imwettaq".

31. Il-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni) ibbażat lilha nnifisha fuq it-termini tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni dwar it-trasferimenti kif ukoll fuq l-ispeċifikazzjonijiet li jinsabu fir-rapport spjegattiv ta' din il-konvenzjoni.

32. Fl-opinjoni tagħha, it-trasferiment tal-persuna detenuta jimplika, li l-Istat ta' eżekuzzjoni jingħata l-kompetenza esklużiva għal dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni tal-piena, kemm fil-każ fil-proċess tal-eżekuzzjoni kif ukoll f'dak tal-konverżjoni tal-kundanna.

33. Huwa interessanti li tiġi rrilevata l-motivazzjoni tal-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni):

"Il-leġiżlazzjoni Bulgara tipprevedi l-possibbiltà tat-tnaqqis tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà abbażi tal-Artikolu 41(3) tan-NK meta ċ-ċittadin Bulgaru ttrasferit ikun wettaq xogħol ta' interess ġenerali matul il-priġunerija tiegħu. Ma hemm l-ebda dubju li l-persuna kkundannata għandha tibbenefika minn tnaqqis [tal-piena] jekk hija ħadmet wara t-trasferiment tagħha fil-Bulgarija. *Madankollu dan it-teħid inkunsiderazzjoni għandu jsir ukoll jekk hija tkun ħadmet kif previst mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 178 taz-[zakon za izpalnenie na nakazaniyata i zadarzhanieto pod strazha (liġi dwar l-applikazzjoni tal-pieni)*[14] *] fl-Istat tal-kundanna, anki jekk tali teħid inkunsiderazzjoni ma huwiex previst fil-leġiżlazzjoni tiegħu*. Fil-fatt, it-twettiq ta' xogħol proprjament ma huwiex element ta' priġunerija iżda konsegwenza tal-eżekuzzjoni tagħha. Minn dan jista' jiġi dedott li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' xogħol imwettaq bil-ħsieb ta' tnaqqis tat-tul tal-piena skont l-Artikolu 41(3) tan-NK ma huwiex marbut mal-individwalizzazzjoni (determinazzjoni) tal-piena, iżda jirrigwarda att marbut mal-eżekuzzjoni tagħha. *Dan jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istat ta' eżekuzzjoni, li r-regoli tiegħu fil-qasam tal-eżekuzzjoni tal-piena japplikaw fl-intier tagħhom*, inkluż għal dak li jirrigwarda r-raġunijiet u l-forom tal-iskontar tal-piena.

[...] Il-kunsiderazzjoni tax-xogħol magħmul bil-ħsieb ta' tnaqqis tat-tul tal-piena skont l-Artikolu 41(3) tan-NK tieħu kont tal-effetti pożittivi tax-xogħol fuq il-proċess ta' edukazzjoni mill-ġdid u riabilitazzjoni tal-persuna kkundannata. L-inklużjoni professjonali tal-persuna kkundannata hija kundizzjoni preliminari importanti għar-riabilitazzjoni tiegħu fis-soċjetà, peress li l-portata ġuridika tagħha u l-effetti tagħha huma suġġetti għal evalwazzjoni unika, mingħajr ebda distinzjoni skont jekk ix-xogħol twettaqx f'pajjiż barrani jew fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija. *Skont il-liġi – abbażi tal-Artikolu 41(3) tan-NK –, il-perijodu li matulu l-persuna kkundannata wettqet xogħol ta' interess*

14 — DV Nru 25, tat-3 ta' April 2009.

*ġenerali huwa kkunsidrat bħala perijodu ta' eżekuzzjoni tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà, irrispettivament mill-post fejn twettaq ix-xogħol.* It-tnaqqis tal-jiem tax-xogħol huwa privileġġ legali li ma jikkostitwixxix reviżjoni la tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà deċiża mill-Istat tal-kundanna u lanqas tat-"tul" ta' din il-piena, iżda konsegwenza favorevoli obbligatorjament applikabbli, ibbażata fuq il-fatt stess li l-persuna kkundannata wettqet xogħol ta' interess ġenerali waqt li kienet qed tiskonta l-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà tagħha u matul id-detenzjoni tagħha. *Għalhekk, dan jirrigwarda, konverżjoni tal-piena* [15] *fis-sens tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni dwar it-trasferiment.*

[…]

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, sabiex tiġi deċiża l-kwistjoni tat-trasferiment ta' ċittadin Bulgaru kkundannat bejn il-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-awtorità kompetenti tal-Istat l-ieħor, il-ftehim li waslu għalih dawn iż-żewġ partijiet għandu jkun akkumpanjat minn informazzjoni preċiża li tindika jekk il-persuna kkundannata ħadmitx (jew jekk ipparteċipatx f'korsijiet jew taħriġ) matul l-eżekuzzjoni tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà f'faċilità korrettiva […] barra mill-pajjiż, matul dak il-perijodu, *u jekk it-tul tal-piena li għad trid tiġi skontata ddeterminat mill-Istat emittenti kienx ikkalkolat wara t-teħid inkunsiderazzjoni tax-xogħol imwettaq barra mill-pajjiż*" [16].

## IV – **Id-domandi preliminari**

34. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li s-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofia) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni qafas […] jipprekludu lill-Istat ta' eżekuzzjoni milli jnaqqas, matul il-proċedura ta' trasferiment, it-tul tal-piena ta' priġunerija imposta mill-Istat emittenti, fuq il-bażi tax-xogħol ipprovdut waqt li din il-piena kienet qiegħda tiġi skontata fl-Istat emittenti, b'tali mod li:

a) it-tnaqqis tal-piena jirriżulta mill-applikazzjoni, skont l-Artikolu 17(1) [tad-Deċiżjoni Qafas], tal-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' eżekuzzjoni għall-infurzar tal-piena. L-applikazzjoni, għall-infurzar tal-piena, tal-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' eżekuzzjoni sa mill-proċedura ta' trasferiment, fir-rigward ta' fatti (xogħol ipprovdut f'ħabs tal-Istat emittenti) li seħħew matul il-perijodu li matulu l-persuna kkundannata kienet tinsab taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istat emittenti, hija kompatibbli mad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq;

b) it-tnaqqis tal-piena jirriżulta minn tnaqqis skont l-Artikolu 17(2) [tad-Deċiżjoni Qafas]. Tnaqqis, skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' eżekuzzjoni, li bis-saħħa tagħha ssir evalwazzjoni legali ġdida tal-fatti li seħħew fl-Istat emittenti (xogħol ipprovdut f'ħabs tal-Istat emittenti), li jikkorrispondi għal perijodu itwal mill-perijodu ta' priġunerija ordnat inkonformità mal-leġiżlazzjoni ta' dan tal-aħħar, huwa kompatibbli mad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq?

2) Fil-każ li d-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tad-Deċiżjoni Qafas, jew inkella dispożizzjonijiet oħra tagħha, japplikaw għat-tnaqqis tal-piena inkwistjoni, huwa meħtieġ li l-Istat emittenti, li jkun għamel talba espliċita f'dan is-sens, jiġi informat u huwa meħtieġ li l-proċedura ta' trasferiment titwaqqaf jekk dan jopponi għal tali tnaqqis? Fil-każ li jeżisti obbligu ta' informazzjoni, x'inhi n-natura ta' din l-informazzjoni: ġenerali u astratta, dwar id-dritt applikabbli, jew inkella dwar it-tnaqqis tal-piena konkret li l-qorti jkollha l-intenzjoni tagħti lill-persuna kkundannata?

15 — Fl-opinjoni tiegħi, għall-kuntrarju ta' dak enfasizzat mill-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni), dan huwa każ mhux ta' "konverżjoni tal-piena", iżda ta' tnaqqis tal-piena.

16 — Korsiv miżjud minni.

3) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-Artikolu 17(1) u (2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI jipprekludi tnaqqis tal-piena mill-Istat ta' eżekuzzjoni fuq il-bażi tad-dritt intern ta' dan tal-aħħar (minħabba xogħol ipprovdut fl-Istat emittenti), id-deċiżjoni tal-qorti nazzjonali li tapplika, minkejja kollox, il-liġi nazzjonali tagħha, minħabba li tkun inqas ħarxa mill-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI, hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni?"

35. Il-Gvern Ġermaniż, Spanjol, Olandiż, Awstrijak u tar-Renju Unit, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea għamlu l-osservazzjonijiet tagħhom.

36. Ma nistax ma nurix id-dispjaċir tiegħi għall-assenza tal-partijiet fil-kawża prinċipali u tal-Gvern Bulgaru. Dawn ma ppreżentaw ebda osservazzjonijiet bil-miktub u lanqas ma kienu preżenti waqt is-seduta.

## V – **Osservazzjonijiet preliminari**

37. Qabel nindirizza l-eżami tad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju, għandhom isiru żewġ rimarki sabiex tiġi kkonfermata l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni preliminari dwarhom u l-utilità tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas.

38. Fl-ewwel lok, għall-kuntrarju ta' dak li jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, it-trasferiment tal-persuna kkonċernata twettqet mhux abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni qafas, iżda abbażi ta' dawk tal-Konvenzjoni dwar it-trasferiment.

39. Dan jirriżulta espressament mit-talba għat-trasferiment ta' A. Ognyanov maħruġa mill-Ministeru tal-Ġustizzja Daniża, fis-26 ta' Marzu 2013, u mill-ittri kollha sussegwenti marbuta magħha, inklużi fil-proċess nazzjonali.

40. L-awtoritajiet ġudizzjarji Daniżi għamlu riferiment b'mod ċar għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar it-trasferiment fl-assenza ta' traspożizzjoni tad-deċiżjoni qafas mir-Repubblika tal-Bulgarija.

41. Dan l-element iwassal *ipso facto* għan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja?

42. Jiena ma naħsibx li dan għandu jkun il-każ.

43. Fil-fatt, jiena naħseb li kien b'mod informat li l-qorti tar-rinviju semmiet, fid-domandi tagħha, id-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni qafas. Fil-fatt, skont l-Artikolu 29(1) ta' din tal-aħħar, ir-Repubblika tal-Bulgarija, kellha, fil-prinċipju, tittrasponi d-deċiżjoni qafas sa mhux iktar tard mill-5 ta' Diċembru 2011. Kien minn din id-data li d-deċiżjoni qafas, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(1) tagħha, kellha għalhekk tissostitwixxi l-Konvenzjoni dwar it-trasferiment kif ukoll il-protokoll addizzjonali tagħha.

44. Peress li t-talba għal trasferiment ta' A. Ognyanov inħarġet fis-26 ta' Marzu 2013 u t-trasferiment tiegħu seħħ, wara l-qbil mogħti mill-awtoritajiet ġudizzjarji Bulgari, fl-1 ta' Ottubru 2013, l-uniċi dispożizzjonijiet applikabbli għat-trasferiment tal-persuna kkonċernata bejn iż-żewġ Stati Membri kellhom għalhekk ikunu, fil-prinċipju, dawk previsti mid-deċiżjoni qafas.

45. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju għażlet li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja domanda għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni qafas.

46. Infakkar li, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tagħti d-deċiżjoni li għandha tevalwa, fir-rigward tal-partikolaritajiet tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun fil-pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja [17].

47. Il-preżunzjoni ta' rilevanza marbuta mad-domandi preliminari magħmula mill-qrati nazzjonali tista' tiġi eskluża biss eċċezzjonalment meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba permezz tad-domandi ma kellha l-ebda konnessjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-vertenza fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew ukoll meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex l-elementi ta' fatt jew ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi magħmula lilha [18].

48. Madankollu, ebda waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi, ma hija ssodisfatta fil-każ odjern.

49. Għaldaqstant, jiena ma nara ebda ostakolu sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi din il-kawża billi tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni qafas.

50. It-tieni nett, għandu jiġi enfasizzat li wieħed mill-ostakoli li seta' javvera ruħu fir-rigward tal-implementazzjoni mill-qorti tar-rinviju tal-obbligu tagħha ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt nazzjonali – u hawn qiegħed nagħmel riferiment għall-ġurisprudenza tal-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni) dwar il-portata tal-Artikolu 41(3) tan-NK – illum tneħħa.

51. Fil-fatt, fis-sentenza tagħha tad-19 ta' April 2016, DI [19], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi "jinkludi l-obbligu li tiġi mibdula ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni nazzjonali inkompatibbli mal-għanijiet ta' direttiva" [20].

52. Issa, il-prinċipju rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja huwa impost bl-istess mod fir-rigward tad-deċiżjoni qafas.

53. Infakkar li fil-fatt, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino [21], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li n-natura vinkolanti tad-deċiżjonijiet qafas, ifformulati f'termini identiċi għal dawk tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, kif ukoll il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, impost fil-kuntest tal-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali [22], iwasslu sabiex l-awtoritajiet nazzjonali, u b'mod partikolari l-qrati nazzjonali, jkunu obbligati li jipprovdu interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali [23]. Infakkar li dan l-obbligu huwa inerenti għas-sistema tat-Trattat FUE peress li jippermetti lill-qrati nazzjonali jiżguraw, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni meta dawn jiddeċiedu l-kawżi li jkollhom quddiemhom [24].

54. Għalhekk, interpretazzjoni tal-Artikolu 41(3) tan-NK, b'konformità mal-Artikolu 17(1) tad-deċiżjoni qafas hija, fl-opinjoni tiegħi, perfettament possibbli.

17 — Sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 — C-441/14, EU:C:2016:278.

20 — Punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata.

21 — C-105/03, EU:C:2005:386.

22 — Punt 42.

23 — Punt 34.

24 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez (C-282/10, EU:C:2012:33, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju ma hijiex illimitata, f'dan l-eżerċizzju, bl-osservanza neċessarja tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' nuqqas ta' retroattività. Nafu li dawn il-prinċipji jipprekludu, skont ġurisprudenza stabbilita, li l-"obbligu [ta' interpretazzjoni konformi] milli jwassal li tiġi ddeterminata jew aggravata, fuq il-bażi tad-deċiżjoni-qafas u indipendentement [mill-eżistenza ta'] liġi adottata għall-implementazzjoni ta' din ta' l-aħħar, ir-responsabbiltà kriminali ta' dawk li jiksru d-dispożizzjonijiet tagħha" [25].

56. Issa, f'din il-kawża, id-dispożizzjoni li hija s-suġġett tat-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda mhux il-portata tar-responsabbiltà kriminali tal-persuna kkonċernata, iżda l-metodu tal-eżekuzzjoni tal-piena tagħha, u b'mod partikolari, l-għoti tat-tnaqqis tal-piena.

57. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, xejn ma jipprekludi, konsegwentement u fin-nuqqas tat-traspożizzjoni tad-deċiżjoni qafas fil-Bulgarija, lill-qorti tar-rinviju milli tinterpreta r-regoli rilevanti tan-NK sa fejn huwa possibbli fid-dawl tat-test u tal-iskop tad-deċiżjoni qafas bil-għan li jintlaħaq ir-riżultat previst minnha.

## VI – **L-analiżi tiegħi**

### A – *Fuq l-ewwel domanda*

58. Permezz tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 17(1) u (2) tad-deċiżjoni qafas għandux ikun interpretat fis-sens li jipprekludi regola nazzjonali li, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, tippermetti lill-Istat ta' eżekuzzjoni jagħti lill-persuna kkundannata tnaqqis tal-piena minħabba xogħol li hija wettqet matul id-detenzjoni tagħha fl-Istat emittenti.

59. Skont l-Artikolu 17(1) tad-deċiżjoni qafas, l-eżekuzzjoni ta' kundanna, inkluż għal dak li jirrigwarda r-raġunijiet għal liberazzjoni bikrija jew ikkundizzjonata, hija rregolata mid-dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

60. F'din il-kawża, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofia) tistaqsi għalhekk jekk hemmx lok li tiġi applikata id-dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, l-Artikolu 41(3) tan-NK, għall-perijodu tad-detenzjoni tal-persuna kkonċernata fid-Danimarka.

61. It-termini li l-leġiżlatur tal-Unjoni juża fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 17(1) tad-deċiżjoni qafas jistgħu effettivament inisslu dubju dwar it-tqassim tal-kompetenzi marbuta mal-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' priġunerija u x-xogħlijiet preparatorji marbuta ma' din id-dispożizzjoni ma jipprovdux kjarifiki reali dwar l-interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni.

62. Minn naħa, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jiddefinixxix dak li għandu jinftiehem bl-"[eżekuzzjoni] ta' piena", fis-sens tal-Artikolu 17(1) tad-deċiżjoni qafas.

63. Min-naħa l-oħra, ma jippreċiżax jekk dan jirrigwardax l-eżekuzzjoni tal-piena mill-mument tal-għoti tas-sentenza fl-Istat emittenti jew jekk jibdix biss mit-trasferiment tal-persuna kkonċernata lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni.

25 — Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino (C-105/03, EU:C:2005:386, punt 45). Minn din is-sentenza jirriżulta li l-"l-obbligu ta' l-Imħallef nazzjonali li jirreferi għall-kontenut tad-deċiżjoni-qafas meta jinterpreta r-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali tiegħu jsib il-limiti tiegħu fil-prinċipji ġenerali tad-dritt, u b'mod partikolari f'dawk ta' ċertezza legali u ta' non-retroattività" (punt 44).

1. Id-definizzjoni tal-kunċett tal-“[eżekuzzjoni] tal-piena”

64. Id-definizzjoni tal-kunċett ta’ “[eżekuzzjoni] tal-piena” hija rekwiżit indispensabbli.

65. Fil-fatt, jekk hemm bżonn niddeċiedi dwar il-kompetenzi rispettivi tal-Istat emittenti u tal-Istat ta’ eżekuzzjoni għal dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni nnifisha ta’ kundanna, għandi preliminarjament, niddefinixxi tali kunċett.

66. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi li jimponu piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà u eżekuzzjoni effettiva tal-kundanni fi Stat Membru li mhux dak emittenti, dan il-kunċett għandu jiġi ddefinit “fuq livell tal-Unjoni”, għaliex il-kumplessità u, ġieli anki, l-inċertezza tal-leġiżlazzjonijiet u tal-prattiki ta’ eżekuzzjoni tal-kundanni kriminali jistgħu jirrendu diffiċli dan il-kompitu. Madankollu, l-effettività tal-eżekuzzjoni tal-pieni hija komponent essenzjali tal-politika kriminali, b’mod ġenerali, u taż-żona ġudizzjarja Ewropea f’materji kriminali, b’mod partikolari.

67. Għandi għalhekk nibda l-analiżi tiegħi bid-definizzjoni tal-kunċett tal-“[eżekuzzjoni] tal-piena”.

68. Skont l-Artikolu 1(b) tad-deċiżjoni qafas, il-“piena” jew sabiex nuża l-espressjoni użata fil-verżjoni tal-lingwa Franċiża tad-deċiżjoni qafas, il-“condamnation”[26], tipprevedi piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà għal perijodu ta’ żmien limitat jew mhux limitat mogħtija minn qorti nazzjonali minħabba reat kriminali abbażi ta’ proċeduri kriminali[27].

69. Il-miżuri li jikkostitwixxu “piena” jaqgħu taħt l-Artikolu 49 tal-Karta u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, iffirmata f’Ruma fl-4 ta’ Novembru 1950[28].

70. Il-miżuri intiżi għall-“[eżekuzzjoni] tal-piena” huma intiżi għalhekk għall-implementazzjoni ta’ “piena” jew ta’ “kundanna”. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tqis li dawn il-miżuri ma jifformawx parti integrali mill-“piena” u għalhekk ma jaqgħux taħt l-Artikolu 7 tal-KEDB[29].

71. L-eżekuzzjoni ta’ piena sseħħ wara li tingħata kundanna definittiva. Għalhekk tirrigwarda l-aħħar fażi tal-proċess kriminali, dak li fih jingħata effett lis-sentenza.

72. L-eżekuzzjoni tkopri l-miżuri kollha ta’ natura, minn naħa, li jiżguraw l-eżekuzzjoni materjali tal-piena, bħal mandat ta’ arrest, u min-naħa l-oħra, li jiżguraw ir-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkundannata. F’dan il-kuntest, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom jistabbilixxu l-modalitajiet relatati mal-iżvolġiment tal-piena u mal-amministrazzjoni tagħha, billi jiddeċiedu pereżempju, dwar il-kollokament fl-estern, il-permessi tal-ħruġ, is-semi libertà, it-tqassim u s-sospensjoni tal-piena, miżuri ta’ liberazzjoni bikrija jew kundizzjonata tal-priġunier jew it-tqegħid taħt sorveljanza elettronika. Id-dritt tal-eżekuzzjoni tal-pieni jkopri wkoll il-miżuri li jistgħu jiġu adottati wara l-liberazzjoni tal-persuna kkundannata, bħat-tqegħid tagħha taħt sorveljanza ġudizzjarja jew anki l-parteċipazzjoni tagħha fi programmi ta’ riabilitazzjoni, jew miżuri ta’ kumpens favur il-vittmi.

26 — Fil-verżjoni tal-lingwa Ingliża tad-deċiżjoni qafas, jintuża biss terminu wieħed, jiġifieri dak ta’ “sentence”, mingħajr ebda distinzjoni bejn il-“peine” jew il-“condamnation”.

27 — Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, “il-punt tat-tluq ta’ kull evalwazzjoni dwar l-eżistenza ta’ ‘piena’ huwa d-determinazzjoni dwar jekk il-miżura inkwistjoni ġietx imposta wara kundanna għar-reat kriminali. Elementi oħra jistgħu jitqiesu rilevanti f’dan ir-rigward: in-natura u l-għan tal-miżura inkwistjoni, il-klassifikazzjoni tagħha fid-dritt intern, il-proċeduri assoċjati mal-adozzjoni u l-eżekuzzjoni tagħha, kif ukoll il-gravità tagħha […] Il-gravità tal-miżura ma hijiex madankollu deċiżiva fih nnifisha, peress li diversi miżuri mhux kriminali ta’ natura preventiva jista’ jkollhom impatt sostanzjali fuq il-persuna kkonċernata (ara, f’dan ir-rigward, Qorti EDB, 21 ta’ Ottubru 2013, Del Río Prada vs Spanja, CE:ECHR:2013:1021JUD004275009, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 — Iktar ’il quddiem il-“KEDB”.

29 — Qorti EDB, 29 ta’ Novembru 2005, Uttley vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2005:1129DEC003694603, u Del Río Prada vs Spanja, iċċitata iktar ’il fuq.

73. Fil-kuntest tal-vertenzi deċiżi, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem spiss kellha quddiemha sitwazzjonijiet li fihom id-distinzjoni bejn il-piena u l-miżuri intiżi sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni tagħha mhux dejjem kienet netta fil-prattika. Għalhekk għandhom jiġu distinti, minn fost il-miżuri meħuda wara li tingħata kundanna b'mod definittiv, dawk li fir-realtà jistgħu jiddefinixxu mill-ġdid jew jemendaw il-portata tal-piena [30].

74. Fid-dawl ta' dan, id-definizzjoni tal-kunċett ta' "[eżekuzzjoni] tal-piena" ma hijiex suffiċjenti sabiex tissolva l-problema mqajma minn din il-kawża.

2. Is-sens u l-portata tal-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas

75. L-applikazzjoni stretta tal-prinċipju li jipprovdi li l-"[eżekuzzjoni] ta' [kundanna] għandu jkun irregolat mid-dritt ta' l-Istat ta' [eżekuzzjoni]" tqajjem, fiha nnifisha, diffikultà sa fejn l-eżekuzzjoni tal-piena diġà bdiet fit-territorju tal-Istat emittenti u titkompla fil-ġurisdizzjoni tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Dwar liema "eżekuzzjoni" qegħdin nitkellmu? Il-leġiżlatur tal-Unjoni jipprevedi l-eżekuzzjoni tal-kundanna fil-mument li tingħata s-sentenza mill-Istat emittenti jew l-eżekuzzjoni tal-kundanna sa mit-trasferiment tal-persuna kkundannata lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat ta' eżekuzzjoni?

76. Ir-risposta tinstab jekk nieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji sottostanti tad-deċiżjoni qafas u l-istruttura li fiha jaqa' l-Artikolu 17 tagħha.

a) Il-prinċipju tat-territorjalità tal-liġi kriminali

77. L-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas huwa intiż sabiex jirregola l-kunflitti tal-liġijiet u tal-kompetenzi marbuta mal-eżekuzzjoni tal-piena, li jirriżultaw b'mod inevitabbli mit-trasferiment tal-persuna kkundannata mill-awtoritajiet tal-Istat emittenti lejn dawk tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Fil-fatt, it-trasferiment ta' persuna kkundannata jimplika li din bdiet l-eżekuzzjoni tal-piena tagħha fit-territorju tal-Istat emittenti sabiex tkompliha, jekk ikun il-każ, f'faċilità korrettiva tal-Istat ta' eżekuzzjoni [31].

78. Dan jispjega għaliex, skont l-Artikolu 17(2) tad-deċiżjoni qafas, l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu, għall-finijiet tal-kalkolu tal-kumplament tal-piena li għad trid tiġi skontata fit-territorju tiegħu, inaqqas il-perijodu ta' priġunerija "diġà skontat" fl-Istat emittenti.

79. Jekk l-Istat ta' eżekuzzjoni jitħalla japplika b'mod retroattiv il-liġi tiegħu għall-bidu tal-eżekuzzjoni tal-piena tal-persuna kkonċernata fl-Istat emittenti dan ikun jikser il-prinċipju aċċettat b'mod komuni tat-territorjalità tal-liġi kriminali.

80. Dan il-prinċipju tat-territorjalità tal-liġi kriminali huwa prinċipju komuni għall-Istati Membri kollha. Il-liġi kriminali hija ta' applikazzjoni territorjali għaliex hija l-espressjoni tas-sovranità tal-Istati Membri. Il-ġurisdizzjoni territorjali tal-qrati f'materji kriminali taqa' għalhekk, normalment, taħt il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, ta' natura ta' ordni pubbliku. Mill-ġurisdizzjoni territorjali tirriżulta b'mod obbligatorju l-liġi nazzjonali applikabbli.

30 — Qorti EDB, 21 ta' Ottubru 2013, Del Río Prada vs Spanja, CE:ECHR:2013:1021JUD004275009, punti 59, 83, 85 u l-ġurisprudenza ċċitata kif ukoll 89. F'dik is-sentenza, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ddeċidiet li l-applikazzjoni tal-modalitajiet l-ġodda ta' imputazzjoni tat-tnaqqis tal-piena għal xogħol waqt id-detenzjoni għal piena skontata ma tistax tiġi assimilate ma' miżura marbuta esklużivament mal-eżekuzzjoni tal-piena imposta. Billi kkawżaw l-estensjoni ta' kważi disa' snin ta' priġunerija, dawn il-modalitajiet ġodda, skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iġġeneraw definizzjoni mill-ġdid tal-portata tal-"piena" imposta u għandhom, għalhekk, jiġu evalwati fid-dawl tal-garanziji stabbiliti mill-aħħar sentenza tal-Artikolu 7(1) tal-KEDB (punti 109 u 110).

31 — Madankollu, jista' jiġri li, f'ċerti każijiet, il-persuna kkundannata tkun diġà tinsab fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

81. Għaldaqstant u bħala prinċipju, il-kwistjoni ma hijiex dwar jekk fl-interess tal-persuna kkonċernata, huwiex iktar favorevoli li tiġi applikata, skont il-prinċipju tar-retroattività *in mitius*[32] kontenut fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 49(1) tal-Karta, il-leġiżlazzjoni kriminali Bulgara għaliex din hija liġi kriminali iktar favorevoli għall-persuna kkonċernata, pjuttost milli l-leġiżlazzjoni kriminali Daniża. Tali għażla ma teżistix f'sitwazzjoni transkonfinali bħal fil-kawża prinċipali, għaliex l-applikabbiltà tal-liġi kriminali tirriżulta mill-prinċipju nnifsu tat-territorjalità.

82. Il-prinċipju tar-retroattività *in mitius* stess lanqas jidhirli li huwa applikabbli f'din il-kawża. Fil-fatt, tradizzjonalment dan il-prinċipju għandu l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu fil-qasam tal-kunflitti tal-liġijiet *ratione temporis* u mhux, bħal f'din il-kawża, fil-qasam tal-kunflitti tal-liġijiet skont il-post. Għalhekk, mingħajr kontestazzjoni, l-imsemmi prinċipju japplika jekk, wara emenda tal-liġi kriminali Daniża, ir-reat imwettaq minn A. Ognyanov ma jibqax jeżisti wara l-kundanna tiegħu, li tkun għadha pendenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-awtoritajiet ġudizzjarji Bulgari ma jkollhomx għażla oħra għajr li jilliberaw il-persuna kkonċernata. Mill-banda l-oħra, jekk tkun il-liġi Bulgara li tiddekriminalizza l-att imwettaq mill-persuna kkonċernata, jiena għandi dubji kbar jekk dan iwassalx *ipso facto* għal-liberazzjoni tiegħu. Fil-fatt, dan l-att huwa ppenalizzat mil-liġi Daniża minħabba d-distorsjoni tal-ordni pubbliku Daniż, li ma japplikax għall-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi Bulgara. Barra minn hekk, huwa interessanti li jiġi nnotat li tali ipoteżi jkollha l-effett li tirrendi t-trasferiment impossibbli fir-rigward tal-Artikolu 3(1)(e) tal-Konvenzjoni dwar it-trasferiment.

83. Barra minn hekk jidhirli li d-dispożizzjoni tad-deċiżjoni qafas jikkonfermaw l-opinjoni tiegħi. Fil-fatt, dan it-test ma jeħtieġx l-inkriminazzjoni doppja għar-reati elenkati fl-Artikolu 7(1) tagħha, u lanqas ma jipprovdiha għar-reati l-oħra ħlief fir-rigward tal-possibbiltà tal-Istat ta' eżekuzzjoni li jirrikjediha, skont l-Artikolu 7(3) tagħha. Għalhekk, din ir-regola jidhirli li tikkonferma n-natura territorjali tal-liġi kriminali u twassal sabiex jiġi kkunsidrat bħala mhux xieraq il-prinċipju tar-retroattività *in mitius* f'każ bħal dak ta' din il-kawża.

b) Il-prinċipju ta' individwalizzazzjoni tal-piena

84. Id-deċiżjoni qafas għandha bħala għan prinċipali li tiffavorixxi r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuni kkundannati għal piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà billi tippermetti lill-priġunier wara l-kundanna kriminali li jiskonta l-piena tiegħu jew il-bqija tagħha fl-ambjent soċjali ta' oriġini tiegħu.

85. Dan jirriżulta b'mod ċar mill-premessa 9 u mill-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni qafas[33].

86. Dan jimplika li l-miżuri kollha marbuta mal-eżekuzzjoni u l-amministrazzjoni tal-pieni għandhom ikunu individwalizzati mill-awtoritajiet ġudizzjarji b'mod li jiffavorixxu, fl-osservanza tal-interessi tas-soċjetà u tad-drittijiet tal-vittmi, minbarra l-prevenzjoni tar-reċidività, l-inklużjoni jew ir-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkundannata.

32 — Skont il-prinċipju tal-legalità tad-delitti u tal-pieni, il-liġi kriminali ma tistax tapplika b'mod retroattiv. Il-prinċipju ta' retroattività *in mitius* jikkostitwixxi eċċezzjoni għal dan il-prinċipju billi jordna l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kriminali l-iktar favorevoli għall-persuna kkundannata.

33 — Ara wkoll, id-dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-għan ta' rijabilitazzjoni tad-deċiżjoni qafas, li tipprovdi, "[i]kkunsidrat il-fatt li s-suċċess tar-rijabilitazzjoni, fi Stat li miegħu għandha l-iktar rabtiet stretti, ta' persuna kkundannata huwa l-għan essenzjali tad-[…] deċiżjoni qafas […] u maqbul li l-fiduċja reċiproka bejn Stati Membri ma teħtieġx motiv ta' rifjut ġdid ibbażat fuq l-inkompatibbiltà tar-rikonoxximent tas-sentenza mal-għan ta' rijabilitazzjoni, il-Kunsill jenfażizza li dan l-għan għandu jkun element ta' importanza primarja għall-Istat emittenti kull darba li għandha tittieħed deċiżjoni dwar in-neċessità tat-trasferiment tas-sentenza u taċ-ċertifikat lill-Istat ta' eżekuzzjoni" (ara l-Anness II Parti I tad-dokument tal-Kunsill 6070/1/09 REV 1), kif ukoll il-punt 4.1 tar-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjonijiet Qafas 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI u 2009/829/ĠAI dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi dwar pieni jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà, dwar sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi u dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni provviżorja [COM(2014) 57 finali].

87. Fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas, il-prinċipju tal-individwalizzazzjoni tal-piena, li hija waħda mill-funzjonijiet stess tal-piena, jeħtieġ għalhekk tqassim ċar tal-kompetenzi bejn l-Istat emittenti u l-Istat ta' eżekuzzjoni b'mod li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tal-piena jiġu adottati mill-awtorità ġudizzjarja li tista' tevalwa bl-aħjar mod l-aġir tal-individwu.

88. Dan jippreżumi li huma l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-post tad-detenzjoni effettiva tal-individwu li għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri kollha ta' amministrazzjoni tal-piena, inkluż miżuri ta' tnaqqis tal-piena li jistgħu jingħataw lill-persuna kkundannata.

89. Dawn huma mingħajr kontestazzjoni l-awtoritajiet li jinsabu qrib tagħha u għalhekk dawk tal-post tad-detenzjoni effettiva [34].

90. Fir-rigward, b'mod partikolari, ta' tnaqqis tal-piena għal xogħol penitenzjarju, din il-miżura ta' individwalizzazzjoni tagħmel sens biss jekk tkun adottata mill-awtorità li effettivament twettaq is-segwitu u l-evalwazzjoni tax-xogħol tal-individwu.

91. Għalhekk, ma hemm l-ebda sens u l-ebda bażi legali sabiex jiġi applikat l-Artikolu 41(3) tan-NK għall-perijodu ta' detenzjoni mwettaq minn A. Ognyanov fid-Danimarka, minflok il-leġiżlazzjoni Daniża. Tali inizjattiva, tkun fiha nnifisha, tikser il-prinċipju tal-individwalizzazzjoni tal-piena, sa fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji Bulgari jkollhom jagħtu tnaqqis tal-piena lil persuna kkundannata, minn naħa, li huma qatt ma ltaqgħu magħha, u min-naħa l-oħra, li ma segwewx ix-xogħol u lanqas il-progress tagħha. Xejn ma jipprekludi, mill-banda l-oħra, lil dawn l-awtoritajiet ġudizzjarji Bulgari, li għall-finijiet ta' evalwazzjoni iktar globali tal-isforzi ta' riabilitazzjoni soċjali murija mill-individwu, jieħdu inkunsiderazzjoni x-xogħol imwettaq minn A. Ognyanov matul id-detenzjoni tiegħu fid-Danimarka kif ukoll l-evalwazzjoni magħmula, f'dan ir-rigward, mill-korrispondenti tagħhom Daniżi. Dan huwa kriterju fost oħrajn, li jippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti li jevalwaw jekk huwiex iġġustifikat it-tqegħid tal-individwu taħt is-sistema tal-libertà kundizzjonata.

92. Huwa biss ladarba l-persuna kkonċernata tkun priġuniera f'faċilità korrettiva Bulgara li l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali jkunu jistgħu, jekk ikun il-każ, japplikaw l-Artikolu 41(3) tan-NK. Dan it-tnaqqis tal-piena għandu jsir fil-kuntest ta' segwitu regolari u personalizzat tal-individwu u ma għandux ikun, bħal ma donni qed nifhem mis-sentenza tal-Varhoven kasatsionen sad (Qorti Suprema ta' Kassazzjoni), ta' natura awtomatika [35].

93. Fid-dawl ta' dawn l-element kollha, jiena nikkunsidra għalhekk li l-osservanza tal-prinċipji tat-territorjalità tal-liġi kriminali u tal-individwalizzazzjoni tal-piena li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni qafas teħtieġ li l-eżekuzzjoni ta' piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà, u b'mod partikolari l-għoti ta' tnaqqis ta' piena, ikun irregolat mid-dritt tal-Istat Membru li fih il-persuna kkundannata tkun effettivament detenuta.

94. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-istruttura tad-deċiżjoni qafas li fiha jaqa' l-Artikolu 17 tagħha.

34 — Ara l-Avviż tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata "Rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi finali f'materji kriminali" [COM(2000) 495 finali], li fihom il-Kummissjoni diġà ppreċiżat li "id-deċiżjonijiet dwar l-eżekuzzjoni, li huma bbażati fuq l-aġir tal-priġunier, għandhom jittieħdu mill-Istat li jinforza l-piena [...] Fil-fatt, dawn huma l-awtoritajiet tal-Istati Membru li jinforza d-deċiżjoni li huma f'kuntatt dirett mal-priġunier u għalhekk fl-aħjar pożizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar l-aġir tiegħu" (punt 9.1).

35 — Fil-fatt, din tispjega li t-tnaqqis tal-jiem ta' xogħol jikkostitwixxi "konsegwenza favorevoli applikabbli *b'mod obbligatorju*, ibbażata fuq il-fatt stess li l-persuna kkundannata wettqet xogħol ta' interess ġenerali waqt li kienet qed tiskonta l-priġunerija tagħha u matul id-detenzjoni tagħha" (korsiv miżjud minni).

c) L-istruttura tad-deċiżjoni qafas

95. L-analiżi tal-istruttura tad-deċiżjoni qafas donnha turi li l-Artikolu 17 tagħha jistabbilixxi l-prinċipji applikabbli għall-eżekuzzjoni tal-piena ladarba jitwettaq it-trasferiment tal-persuna kkundannata.

96. L-ewwel nett, għandu jiġi kkunsidrat il-kuntest li fih ġew elaborati l-prinċipji tal-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas. Fil-fatt, id-deċiżjoni qafas ġiet adottata abbażi ta' numru ta' strumenti eżistenti, u b'mod partikolari abbażi tal-Konvenzjoni dwar it-trasferiment [36]. Barra minn hekk din tissemma' fil-premessi 4 u 5 tad-deċiżjoni qafas.

97. It-termini tal-Artikolu 17(1) tad-deċiżjoni qafas huma, essenzjalment, identiċi għal dawk użati fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni dwar it-trasferiment. Fil-fatt, din l-aħħar dispożizzjoni tippreċiża li "[l]-[eżekuzzjoni] ta' [kundanna] għandu jkun irregolat bil-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni u dan l-Istat biss huwa kompetenti biex jieħu d-deċiżjonijiet kollha xierqa". Issa, punt importanti huwa li l-imsemmija dispożizzjoni hija intitolata "*Konsegwenzi tat-trasferiment* lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni" [37].

98. Fid-dawl tal-kuntest li fih ġiet adottata d-deċiżjoni qafas, huwa għalhekk huwa ferm probabbli li, billi intitola l-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas "Liġi li tirregola l-[eżekuzzjoni]", il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jipprevedi d-dritt li jirregola l-eżekuzzjoni tal-piena "wara t-trasferiment tal-persuna kkundannata".

99. It-tieni nett, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li kull wieħed mill-prinċipji tad-deċiżjoni qafas huwa stabbilit skont ordni ta' suċċessjoni kronoloġika.

100. Fl-ewwel lok, l-Artikoli 4 sa 14 tad-deċiżjoni qafas jistabbilixxu r-regoli li l-Istati Membri għandhom japplikaw sabiex jipproċedu bit-trasferiment tal-persuna kkundannata. B'mod partikolari, l-Artikoli 4 sa 6 tad-deċiżjoni qafas jippreċiżaw l-modalitajiet relatati mat-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat lill-Istat ta' eżekuzzjoni. L-Artikoli 7 sa 14 tagħha jistabbilixxu, imbagħad, il-prinċipji applikabbli għad-deċiżjoni ta' rikonoxximent tas-sentenza u għad-deċiżjoni tal-eżekuzzjoni tal-kundanna. L-Artikolu 13 tad-deċiżjoni qafas jindika, f'dan ir-rigward, li l-Istat emittenti għandu jżomm id-dritt li jirtira ċ-ċertifikat "[s]akemm *l-[eżekuzzjoni] tal-piena fl-Istat ta' esekuzzjoni ma [tkunx bdiet*]" [38].

101. Fit-tieni lok, l-Artikolu 15 tad-deċiżjoni qafas jistabbilixxi l-modalitajiet applikabbli għat-trasferiment tal-persuna kkundannata filwaqt li l-Artikolu 16 tagħha jipprovdi dispożizzjonijiet partikolari f'każ ta' tranżitu tal-individwu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

102. Dawn id-dispożizzjonijiet jaqgħu għalhekk wara xulxin perfettament b'mod loġiku u l-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas jikkostitwixxi b'mod manifest l-estensjoni billi jistabbilixxi l-prinċipji applikabbli għall-eżekuzzjoni tal-kundanna "ladarba l-persuna kkundannata tiġi trasferita" lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

103. L-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas għandu jinqara' wkoll fid-dawl tar-regoli elenkati fid-dispożizzjonijiet segwenti tad-deċiżjoni qafas, u b'mod partikolari fl-Artikolu 22 tagħha.

104. Dan l-Artikolu 22, intitolat "Konsegwenzi tat-trasferiment tal-persuna [kkundannata]", juri b'mod partikolarment tajjeb it-trasferiment tal-kompetenzi li neċessarjament jakkumpanja t-trasferiment tal-persuna kkundannata.

36 — Ara, b'mod partikolari, il-punt 3.2.1.5 tal-Green Paper dwar l-approssimazzjoni, ir-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni tas-sanzjonijiet kriminali fl-Unjoni Ewropea [COM(2004) 334 finali].

37 — Korsiv miżjud minni.

38 — Korsiv miżjud minni.

105. Il-leġiżlatur tal-Unjoni jindika fil-fatt, fl-Artikolu 22(1) tad-deċiżjoni qafas, li l-Istat emittenti ma jistax ikompli bl-eżekuzzjoni tal-kundanna mill-mument li fih "l-[eżekuzzjoni] tagħha fl-Istat ta' esekuzzjoni jkun beda". Dan ifisser b'mod ċar ħafna li, mill-mument li fih l-Istat ta' eżekuzzjoni ma jkunx beda l-eżekuzzjoni tal-piena, l-Istat emittenti jibqa', għal dan il-għan, kompetenti għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-kundanna. L-Artikolu 22(2) tad-deċiżjoni qafas jippreċiża, barra minn hekk, li meta l-Istat ta' eżekuzzjoni jinsab f'impossibbiltà li jeżegwixxi l-piena, minħabba l-ħarba tal-persuna kkundannata, "[i]d-*dritt li tiġi [eżegwita]* l-piena *għandu jerġa' jsir* ta' l-Istat emittenti"[39].

106. Għalhekk huwa biss ladarba s-sentenza tiġi rrikonoxxuta mill-Istat ta' eżekuzzjoni u ladarba jitwettaq it-trasferiment tal-persuna kkundannata li japplika d-dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni għall-eżekuzzjoni *stricto sensu* tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà. Sakemm is-sentenza ma tkunx irrikonoxxuta u sakemm il-persuna kkundannata tkun għadha tinsab taħt il-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat emittenti, huwa d-dritt ta' dan l-aħħar Stat li huwa applikabbli għall-eżekuzzjoni tal-piena. Għalhekk huwa l-Istat emittenti li għandu jiddeċiedi, b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, il-kwistjonijiet dwar it-tnaqqis tal-piena.

107. It-tielet nett, għandu jiġi rrilevat li, fis-sistema tad-deċiżjoni qafas, huwa l-Istat emittenti li għandu jeżamina jekk hemmx lok li jiġi organizzat it-trasferiment tal-persuna detenuta lejn l-Istat Membru ta' oriġini jew ta' residenza tiegħu[40].

108. Madankollu, peress li t-trasferiment huwa tabilħaqq miżura ta' eżekuzzjoni tal-piena[41], jista' jkun wieħed minn tal-aħħar li jistgħu jkunu adottati mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat emittenti. B'mod partikolari, din hija miżura ta' individwalizzazzjoni tal-piena li għandha l-għan li tiffavorixxi r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkundannata.

109. Skont l-Artikolu 4(2) tad-deċiżjoni qafas, it-trażmissjoni tas-sentenza għall-finijiet ta' rikonoxximent tista' sseħħ biss meta l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat emittenti, jekk ikun il-każ wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat ta' eżekuzzjoni, jkunu ċerti li l-eżekuzzjoni tal-kundanna mill-Istat ta' eżekuzzjoni ser tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq dan l-għan.

110. Sabiex tinkiseb tali ċertezza, il-leġiżlatur tal-Unjoni jispeċifika, fil-premessa 9 tad-deċiżjoni qafas, li l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat emittenti għandha għalhekk "tieħu kont ta' elementi bħal, per eżempju, r-rabta tal-persuna ma' l-Istat ta' [eżekuzzjoni], jekk hi tikkonsidrahx bħala l-post b'rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi u rabtiet oħrajn ma' l-Istat ta' [eżekuzzjoni]".

111. Bl-istess mod bħalma huwa l-Istat emittenti li għandu jagħmel din l-evalwazzjoni, huwa wkoll dan l-istess Stat li huwa waħdu obbligat li jeżamina jekk, skont il-perijodu ta' detenzjoni skontat mill-persuna kkonċernata fit-territorju u fid-dawl tal-isforzi tagħha, din għandhiex tibbenefika minn tnaqqis tal-piena mogħtija bl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu.

112. Il-fatt li l-Istat emittenti għandu jindika, fiċ-ċertifikat anness mas-sentenza, in-numru ta' jiem addizzjonali li għandhom jitnaqqsu mill-perijodu ta' priġunerija diġà skontat jikkorrobora din l-interpretazzjoni.

39 — Korsiv miżjud minni.

40 — Ara l-Artikolu 4(1) tad-deċiżjoni qafas.

41 — Ara, f'dan ir-rigward, Qorti EDB, 27 ta' Ġunju 2006, Szabó vs l-Iżvezja, CE:ECHR:2006:0627DEC002857803, p. 12.

113. Iċ-ċertifikat huwa tip ta' formola li tinsab fl-Anness I tad-deċiżjoni qafas[42]. Din il-formula tinkludi tabelli differenti li għandhom jimtlew mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat emittenti. Dawn it-tabelli jippermettulu li jagħti informazzjoni dwar, b'mod partikolari, l-awtorità li tat is-sentenza, l-individwu pproċessat kif ukoll in-natura tar-reat imwettaq u li jispeċifika n-natura u t-tul tal-kundanna. Din l-informazzjoni għandha tkun iċċertifikata bħala preċiża mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat emittenti[43]. Fil-fatt, din hija informazzjoni essenzjali li għandha tippermetti lill-Istat ta' eżekuzzjoni jwettaq stħarriġ minimu tas-sentenza[44] u li għandha, fl-aħħar mill-aħħar, tiżgura eżekuzzjoni tajba tal-kundanna. L-awtorità ġudizzjarja tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tirrikonoxxi s-sentenza billi tibbaża lilha nnifisha fuq iċ-ċertifikat mibgħut mill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat emittenti li tikkonferma r-regolarità tiegħu u n-natura eżekuttiva tiegħu. Fin-nuqqas, jekk dan ma jkunx komplut jew ma jkunx preċiż, din tikkostitwixxi motiv ta' nuqqas ta' rikonoxximent tas-sentenza u nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-kundanna skont l-Artikolu 9 tad-deċiżjoni qafas.

114. Għall-finijiet tal-analiżi tiegħi, għandu jsir riferiment għall-informazzjoni mitluba fil-punt 2 tat-tabella (i) tal-mudell taċ-ċertifikat li jinsab fl-Anness I tad-deċiżjoni qafas dwar it-tul tal-kundanna. Din l-informazzjoni tiżgura l-effett utli tal-Artikolu 17(2) tad-deċiżjoni qafas.

115. Fil-punt 2.2 ta' din it-tabella, l-Istat emittenti għandu jindika, f'numru ta' jiem, il-perijodu kollu ta' priġunerija diġà skontat fil-kuntest tal-piena inkwistjoni. Din tirrigwarda l-piena mingħajr tnaqqis.

116. Għall-kuntrarju, skont il-punt 2.3 tal-imsemmija tabella, dan tal-aħħar huwa liberu wkoll li jnaqqas minn dan il-perijodu numru ta' jiem addizzjonali għal "raġunijiet oħra li ma humiex dawk previsti fil-punt 2.2", u l-leġiżlatur tal-Unjoni jagħmel riferiment, bħala eżempji, għall-amnestija, maħfra jew għal miżuri ta' klemenza. Dan il-punt 2.3 jippermetti għalhekk lill-Istat emittenti jagħti indikazzjonijiet addizzjonali meta ċirkustanzi partikolari jkunu diġà waslu għal tnaqqis tal-piena.

117. Dawn l-elementi juru li huwa proprju l-Istat emittenti li għandu jiddeċiedi dwar it-tnaqqis tal-piena marbut mal-perijodu ta' detenzjoni skontat fit-territorju tiegħu sa fejn, fiċ-ċertifikat, l-Istat emittenti għandu jindika lill-Istat ta' eżekuzzjoni jekk hemmx lok li jitnaqqas numru ta' jiem ikbar min-numru ta' jiem mgħoddija f'detenzjoni b'mod konkret, u jekk ikun il-każ, in-numru ta' jiem eżatt. It-termini użati mil-leġiżlatur tal-Unjoni dwar in-natura tar-raġunijiet li jistgħu jkunu l-bażi ta' tnaqqis tal-piena huma manifestament kemxejn vagi. Barra minn hekk, il-lista ta' dawn ir-raġunijiet ma hijiex eżawrjenti kif juri l-użu tal-avverbju "pereżempju". Għalhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried ikopri ċ-ċirkustanzi kollha partikolari bl-iktar mod wiesa' possibbli, li jistgħu jwasslu għal tnaqqis tal-piena fl-Istati Membri differenti. Għalhekk, huwa raġonevoli li jinftiehem li tnaqqis tal-piena mogħti fir-rigward tal-progress imwettaq mill-persuna kkundannata jaqa' fl-imsemmija raġunijiet.

118. Għalhekk fid-dawl ta' dawn l-elementi, jiena konvint li l-Istat ta' eżekuzzjoni ma jistax jissostitwixxi l-liġi tal-eżekuzzjoni tal-pieni tiegħu, u b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu dwar it-tnaqqis tal-piena, għal dik tal-Istat emittenti, biex b'hemm japplika t-tnaqqis magħmul minn dan tal-aħħar, b'riskju li jippreġudika b'mod gravi mhux biss il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, iżda wkoll is-sovranità territorjali tar-Renju tad-Danimarka.

42 — Il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa ispirat mit-teknika taċ-ċertifikat stabbilita fl-Artikolu 54 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

43 — Artikolu 5(2) tad-deċiżjoni qafas.

44 — Dan għandu jiżgura b'mod partikolari, li d-deċiżjoni li trid tiġi nfurzata ġejja minn awtorità kompetenti skont id-dritt tal-Istat emittenti u taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni qafas.

119. Fil-fatt, f'kawża bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ir-Renju tad-Danimarka espressament indika li ma jagħtix tnaqqis tal-piena minħabba xogħol penitenzjarju. Skont il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka li fuqu hija bbażata d-deċiżjoni qafas, ir-Repubblika tal-Bulgarija ma għandhiex għalhekk għażla oħra ħlief li tosserva l-applikazzjoni tad-dritt fis-seħħ fl-Istat emittenti, anki jekk, sabiex nuża t-termini tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Frar 2003, Gözütok u Brügge[45] "l-implimentazzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha twassal għal soluzzjoni differenti"[46].

120. Tali inizjattiva, jekk tittieħed, twassal għalhekk b'mod inevitabbli għal telf tal-fiduċja reċiproka li għandu jkollhom l-Istati Membri u tirriskja li tikkomprometti t-twettiq tal-għanijiet previsti mid-deċiżjoni qafas.

121. Barra minn hekk infakkar li d-dritt ta' punizzjoni jikkostitwixxi wieħed mill-elementi essenzjali tal-Istat u li d-dritt kriminali, inkluż id-dritt tal-eżekuzzjoni tal-pieni, jinsab fil-qalba tas-sovranità nazzjonali. Id-dritt tal-eżekuzzjoni tal-pieni jaqa' għalhekk fis-setgħa mogħtija lill-Istati li jiddeċiedu dwar il-politika kriminali tagħhom, fatt li jixhed in-natura territorjali tiegħu[47].

122. Issa, f'din il-kawża, huwa proprju l-ordni pubbliku tar-Renju tad-Danimarka li A. Ognyanov kiser permezz tal-aġir tiegħu. Għalhekk huma l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' dan l-Istat Membru li huma kompetenti sabiex jiġġudikawh u li jikkundannawh abbażi tar-reati mwettqa. Huwa wkoll proprju fit-territorju Daniż u taħt il-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet Daniżi li inizjalment inbdiet id-detenzjoni ta' A. Ognyanov.

123. Fid-dawl tal-kampijiet ta' ġurisdizzjoni territorjali rispettivi, huwa għalhekk evidenti li l-Artikolu 41(3) tan-NK "ma huwiex applikabbli" għall-eżekuzzjoni tal-piena fit-territorju Daniż mingħajr ma jkun hemm ksur tas-sovranità territorjali tar-Renju tad-Danimarka.

124. Fl-aħħar nett, kieku l-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas kellu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti l-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni għall-eżekuzzjoni tal-piena fl-Istat emittenti, dan ikun iwassal ukoll għall-ksur tal-prinċipju fundamentali tal-ugwaljanza fit-trattament. Fil-fatt, persuni li jkunu qegħdin jiskontaw il-piena tagħhom fl-istess faċilità korrettiva, jiġu suġġetti jew mitluba li jkunu suġġetti għal sistemi ġuridiċi differenti fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-piena tagħhom, u b'mod partikolari fir-rigward tal-modalitajiet tat-tnaqqis tal-piena.

125. Dan jagħti lok għal sitwazzjonijiet kumplessi li ma jippermettux li tiġi żgurata applikazzjoni xierqa u ġusta tan-normi u ċertament jirriskjaw li ċertament jikkompromettu s-suċċess tad-deċiżjoni qafas.

126. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, jiena konsegwentement nikkunsidra li fid-dawl tal-prinċipji li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni qafas, jiġifieri, minn naħa, il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, u min-naħa l-oħra, il-prinċipji ta' territorjalità tal-liġi kriminali u tal-individwalizzazzjoni tal-piena, l-Artikolu 17(1) u (2) tad-deċiżjoni qafas għandu jkun interpretat fis-sens li jipprekludi regola nazzjonali li tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat ta' eżekuzzjoni jagħtu lill-persuna kkundannata tnaqqis tal-piena minħabba xogħol imwettaq minn din tal-aħħar matul id-detenzjoni tagħha fl-Istat emittenti.

127. Nirrikonoxxi li tali interpretazzjoni ma tippermettix li ssir distinzjoni bejn id-deċiżjoni qafas ibbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ġudizzjarja tradizzjonali magħrufa bħala kooperazzjoni bejn Stati sovrani. Madankollu, din hija, fl-opinjoni tiegħi, l-unika interpretazzjoni possibbli jekk irridu nikkunsidraw b'mod sħiħ l-assenza ta' armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-eżekuzzjoni tal-pieni fl-Unjoni.

45 — C-187/01 u C-385/01, EU:C:2003:87.

46 — Punt 33.

47 — Ara f'dan ir-rigward, il-Qorti EDB, 21 ta' Ottubru 2013, Del Río Prada vs Spanja, CE:ECHR:2013:1021JUD004275009, punt 84.

B – *Fuq it-tieni domanda*

128. It-tieni domanda tirrigwarda l-portata tad-dmir ta' informazzjoni li għandhom l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas. Din saret f'każ li din id-dispożizzjoni tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji Bulgari japplikaw l-Artikolu 41(3) tan-NK għall-perijodu tad-detenzjoni skontat mill-persuna kkonċernata fid-Danimarka.

129. Is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofia) tistaqsi dwar jekk, meta l-awtoritajiet ġudizzjarji Bulgari jkollhom quddiemhom talba f'dan is-sens, għandhomx jinformaw lill-korrispondenti tagħhom Daniżi bl-applikabbiltà ta' tali leġiżlazzjoni u, jekk ikun il-każ, dwar in-natura tal-informazzjoni li għandha, f'dan ir-rigward, tkun ikkomunikata.

130. Fid-dawl tar-risposta li jiena nipproponi li tingħata lill-ewwel domanda, inqis li ma huwiex utli li tingħata risposta għat-tieni domanda.

C – *Fuq it-tielet domanda*

131. F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikolu 17(1) u (2) tad-deċiżjoni qafas jipprekludi regola nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment, permezz tat-tielet domanda tagħha, jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix li din tagħżel li tapplika, "minkejja kollox", l-Artikolu 41(3) tan-NK għall-perijodu ta' detenzjoni skontat minn A. Ognyanov fid-Danimarka għar-raġuni li din hija leġiżlazzjoni inqas ħarxa.

132. Għandu jiġi ammess, li huwa minnu, li t-tnaqqis tal-piena inkwistjoni ma huwiex negliġibbli.

133. Peress li l-leġiżlazzjoni Daniża hija iktar stretta fir-rigward tat-tnaqqis tal-piena għal xogħol waqt detenzjoni, l-applikazzjoni tal-Artikolu 41(3) tan-NK għall-perijodu ta' detenzjoni skontat minn A. Ognyanov fid-Danimarka tippermettilu effettivament li jibbenefika minn tnaqqis tal-piena mhux ta' sena, tmien xhur u għoxrin jum, iżda ta' sentejn, sitt xhur u erba' u għoxrin jum, li jippermettilu jingħata l-libertà ferm iktar kmieni.

134. Madankollu, il-kwistjoni li tressaq il-qorti tar-rinviju hija bbażata fuq premessa li qabel kollox għandha tiġi miċħuda. Fil-fatt, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofia) tistaqsi, fir-realtà, jekk tistax tapplika regola nazzjonali meqjusa madankollu li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni għar-raġuni li hija iktar favorevoli għall-persuna kkonċernata.

135. Din il-kwistjoni tressqet, f'termini differenti, mill-qorti tar-rinviju fil-kuntest tat-talba għal deċiżjoni preliminari magħmula fil-Kawża Ognyanov (C-614/14) pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

136. Għalhekk, jiena ser nirrispondi fl-istess termini li użajt fil-kuntest tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Ognyanov [48], filwaqt li madankollu nżid xi osservazzjonijiet.

137. L-ewwel nett, skont l-Artikolu 280 TFUE, "[i]s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja [...] għandhom saħħa eżekuttiva". Kif indikajt fil-punt 111 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha quddiemha proċedura abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, ma tagħtix opinjoni konsultattiva. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja hija vinkolanti fuq il-qorti nazzjonali, dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni inkwistjoni, għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali [49].

48 — C-614/14, EU:C:2016:111.

49 — Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

138. It-tieni nett, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-Artikolu 17(1) u (2) tad-deċiżjoni qafas jipprekludi regola nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju għandha, kif rajna, tinterpreta t-termini tal-Artikolu 41(3) tan-NK fid-dawl tat-test u l-iskop tad-deċiżjoni qafas, billi twarrab jekk ikun hemm bżonn il-ġurisprudenza stabbilita mill-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni), u dan fid-dawl tal-obbligu tagħha ta' interpretazzjoni konformi.

139. It-tielet nett u fi kwalunkwe każ, infakkar lill-qorti tar-rinviju li, fin-nuqqas tal-applikabbiltà tal-Artikolu 41(3) tan-NK għall-perijodu ta' detenzjoni skontat mill-persuna kkonċernata fid-Danimarka, ir-regola tar-retroattività tal-liġi kriminali inqas ħarxa li tinsab fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 49(1) tal-Karta (prinċipju ta' retroattività *in mitius*) ma tistax tapplika.

140. Fl-aħħar u r-raba' nett, it-tnaqqis tal-piena li fuqha tikkonċentra l-qorti tar-rinviju jnessina li t-trasferiment ta' A. Ognyanov lejn il-Bulgarija huwa intiż, fih innifsu, sabiex ikun iktar favorevoli għalih peress li jkun jista' jiskonta l-kumplament tal-piena tiegħu fl-ambjent soċjali ta' oriġini tiegħu, u tiġi ffaċilitata għalhekk ir-riabilitazzjoni soċjali tiegħu.

141. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, u fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-Artikolu 17(1) u (2) tad-deċiżjoni qafas jipprekludi regola nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju għandha għalhekk, skont l-obbligu tagħha ta' interpretazzjoni konformi, twarrab l-interpretazzjoni tal-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni) tal-Artikolu 41(3) tan-NK u ma tapplikax din id-dispożizzjoni għall-perijodu ta' detenzjoni skontat mill-persuna kkonċernata fid-Danimarka.

142. Wara dawn l-argumenti, nixtieq nislet xi konklużjonijiet dwar it-tqassim tal-kompetenzi stabbiliti mid-deċiżjoni qafas bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat emittenti u dawk tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

## D – *L-analiżi tat-tqassim tal-kompetenzi stabbliti mid-deċiżjoni qafas bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat emittenti u dawk tal-Istat ta' eżekuzzjoni*

### 1. Id-dritt li jirregola l-eżekuzzjoni tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà qabel it-trasferiment tal-persuna kkundannata

143. Meta, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-individwu ikun, fl-ewwel lok, detenut fl-Istat emittenti, id-dritt applikabbli għall-eżekuzzjoni tal-piena tiegħu huwa evidentement id-dritt ta' dak l-Istat. Il-miżuri kollha li jirregolaw l-eżekuzzjoni tal-piena tiegħu fit-territorju tal-imsemmi Stat, kemm jekk jirrigwardaw miżuri dwar l-eżekuzzjoni tal-kundanna, kif ukoll il-mandat ta' taħrika, jew dawk dwar l-amministrazzjoni tal-piena, bħall-għoti tal-libertà, jaqgħu taħt id-dritt tal-Istat emittenti.

144. Kif rajna, huwa wkoll l-Istat emittenti li għandu jeżamina jekk hemmx lok li jorganizza t-trasferiment tal-priġunier lejn l-Istat Membru ta' oriġini jew ta' residenza tiegħu [50].

145. Issa, it-trasferiment huwa proprjament miżura ta' eżekuzzjoni tal-piena, u b'mod partikolari miżura ta' individwalizzazzjoni intiża sabiex il-persuna kkonċernata tkun tista' tiskonta d-detenzjoni tagħha l-eqreb possibbli għall-ambjent familjari tagħha u fl-ambjent soċjali li fih hija għandha tirriabilità lilha nnifisha [51].

146. Bl-istess mod li huwa l-Istat emittenti li għandu jagħmel din l-evalwazzjoni, dan għandu jeżamina wkoll jekk, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu u fid-dawl tal-isforzi mwettqa mill-priġunier, dan jistax jibbenefika minn miżuri oħra ta' amministrazzjoni tal-piena, inklużi miżuri ta' tnaqqis tal-piena.

50 — Ara l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni qafas.

51 — Qorti EDB, 27 ta' Ġunju 2006, Szabó vs L-Iżvezja, CE:ECHR:2006:0627DEC002857803, p. 14.

147. Tali tqassim tal-kompetenzi jobbliga l-Istat emittenti jiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mat-tnaqqis tal-piena qabel it-trasferiment tal-persuna kkundannata [52].

148. Barra minn hekk, infakkar li dan huwa l-għan innifsu tal-punt 2.3 tat-tabella (i) tal-mudell taċ-ċertifikat li jinsab fl-Anness I tad-deċiżjoni qafas.

149. Fil-fatt, it-trasferiment tal-persuna kkundannata ma għandux iċaħħadha minn kwalunkwe effett utili tat-tnaqqis tal-piena li għalih hija għandha dritt, jekk ikun il-każ, b'applikazzjoni tal-liġi tal-Istat emittenti u tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-qorti kompetenti [53]. L-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat emittenti għandhom għalhekk ikunu kapaċi joħorġu ċertifikat li jispeċifika mhux biss it-tul tal-kundanna u tal-piena eżegwita *stricto senso*, iżda wkoll dak li tnaqqas bħala tnaqqis tal-piena previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Huma għandhom ikunu jistgħu jipprovdu wkoll xi preċiżjonijiet dwar l-evalwazzjoni li huma għamlu dwar l-isforzi ta' adattament tal-individwu.

150. L-Istat ta' eżekuzzjoni ma jistax għalhekk jissostitwixxi d-dritt tal-eżekuzzjoni tal-pieni tiegħu ma' dak tal-Istat emittenti, u dan anki meta l-leġiżlazzjoni tiegħu tkun iktar favorevoli għall-persuna kkonċernata, għaliex dan mhux biss jikser it-termini tal-Artikolu 17 tad-deċiżjoni qafas, iżda wkoll jippreġudika b'mod gravi s-sovranità tal-Istat emittenti u, bl-istess mod, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

2. It-talba ta' informazzjoni qabel it-trasferiment

151. Jekk il-persuna kkundannata tiġi ttrasferita fl-Istat ta' eżekuzzjoni, huwa perfettament loġiku li l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat emittenti jinformaw lilhom infushom dwar id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-qasam ta' libertà bikrija jew kundizzjonata, bħal kif previst fl-Artikolu 17(3) tad-deċiżjoni qafas. Għal darb'oħra, għandu jitħares l-ispirtu li huwa l-ordni pubbliku tal-Istat emittenti li kien ippreġudikat bit-twettiq ta' reat jew delitt. Dan tal-aħħar għandu għalhekk ikun ċert li l-eżekuzzjoni tal-piena fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni ser jagħti soluzzjoni xierqa għall-preġudizzju kkawżat lill-ordni pubbliku fit-territorju tiegħu. L-Istat emittenti jevalwa għalhekk jekk, fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet ġodda, il-piena tgawdix b'mod globali mill-koerenza li kienet żgurata fil-jum li ngħatat. Jekk huwa jaħseb li t-trasferiment jista' jwassal għal dak li huwa jikkunsidra bħala libertà prematura jew jekk jikkunsidra li l-piena mhix ser tibqa' proporzjonata fir-rigward tar-reat, huwa jista' jiddeċiedi li ma jittrasferixxix il-persuna kkundannata u li jirtira ċ-ċertifikat.

152. It-talba għal informazzjoni għandha ssir qabel it-trasferiment tal-individwu, għaliex, ladarba jseħħ it-trasferiment, l-Istat emittenti ma jistax iktar jimponi l-perċezzjoni tiegħu tal-miżuri ta' eżekuzzjoni tal-pieni u ma jistax imur lura mid-deċiżjoni tat-trasferiment.

52 — Fid-dawl tat-tqassim tal-kompetenzi, it-tnaqqis tal-piena għandu jiġi imputat mhux għat-tul totali tal-priġunerija, iżda suċċessivament, għal kull wieħed mill-perijodi ta' detenzjoni fl-Istat emittenti u fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

53 — Ara, b'mod partikolari, f'dan ir-rigward, il-Qorti EDB, 21 ta' Ottubru 2013, Del Río Prada vs Spanja, CE:ECHR:2013:1021JUD004275009, punt 107.

3. Id-dritt li jirregola l-eżekuzzjoni tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà wara t-trasferiment tal-persuna kkundannata

153. It-trasferiment tal-persuna kkonċernata jwassal awtomatikament u neċessarjament għat-trasferiment simultanju tal-kompetenzi dwar l-eżekuzzjoni tal-piena lill-Istat ta' eżekuzzjoni, u dan għall-istess raġunijiet imqajma preċedentement. Minn naħa, għaliex l-eżekuzzjoni tal-piena minn issa 'il quddiem ser jitwettaq fit-territorju u taħt il-ġurisdizzjoni ta' dan l-Istat. Min-naħa l-oħra, għaliex, sa mill-mument ta' dan it-trasferiment, huma biss l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat ta' eżekuzzjoni li jistgħu jamministraw il-kundizzjonijiet tal-eżekuzzjoni tal-piena fid-dawl tal-isforzi ta' riabilitazzjoni tal-persuna kkonċernata kif ukoll tas-sitwazzjoni materjali, familjari u soċjali.

154. Ladarba t-trasferiment jitwettaq, huwa evidenti li wieħed ma jistax jeħtieġ li l-Istat ta' eżekuzzjoni jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Istat emittenti qabel jadotta miżura ta' individwalizzazzjoni tal-piena li għandha, pereżempju, il-forma ta' tnaqqis tal-piena jew ta' libertà bikrija jew kundizzjonata. Kif rajna, il-kwistjonijiet dwar l-eżistenza, il-modalitajiet tal-eżekuzzjoni kif ukoll il-ġustifikazzjonijiet ta' sistema ta' libertà jaqgħu fis-setgħa mogħtija lill-Istati sabiex jiddeċiedu dwar il-politika kriminali tagħhom. F'tali każ it-talba għall-awtorizzazzjoni tal-Istat emittenti twassal għalhekk għall-ksur tas-sovranità tal-Istat ta' eżekuzzjoni kif ukoll tal-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja tiegħu.

155. L-Istat ta' eżekuzzjoni għandu għalhekk jeżegwixxi l-kundanna bħallikieku din ngħatat mill-awtoritajiet ġudizzjarji tiegħu. Dwar l-Istat emittenti, ma hemmx għażla oħra min-naħa tiegħu u skont il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka li josserva l-applikazzjoni tad-dritt fis-seħħ fl-Istat ta' eżekuzzjoni, anki jekk, sabiex nuża għal darb'oħra t-termini tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Frar 2003, Gözütok u Brügge [54], l-implementazzjoni tad-dritt nazzjonali tiegħu twassal għal soluzzjonijiet differenti [55].

156. Billi adottaw id-deċiżjoni qafas, l-Istati Membri kienu perfettament konxji mid-differenzi eżistenti bejn is-sistema ġuridika tagħhom għal dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet kriminali. Fir-rigward, pereżempju, tar-regola applikabbli fil-qasam tal-libertà bikrija jew kundizzjonata, f'ċerti Stati Membri, il-persuna kkundannata tingħata l-libertà wara li tiskonta żewġ terzi mill-piena tagħha, filwaqt li f'oħrajn, il-libertà ma tistax tingħata ħlief wara l-eżekuzzjoni ta' terz tal-piena. L-Istati Membri kienu għalhekk perfettament konxji li t-trasferiment ta' persuna kkundannata jista' jkollu impatt fuq it-tul konkret tal-priġunerija skontata meta mqabbel mal-piena inizjalment mogħtija u, konsegwentement, fuq id-data tal-liberazzjoni [56]. Barra minn hekk huwa għal din ir-raġuni, u b'mod partikolari sabiex tkun evitata liberazzjoni li l-Istat emittenti jikklassifika bħala "bikrija" fir-rigward tad-delitt jew reat imwettaq fit-territorju tiegħu, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda r-"riżerva" tal-Artikolu 17(3) tad-deċiżjoni qafas [57].

157. Fil-każ fejn l-Istat ta' eżekuzzjoni japplika regoli iktar stretti, it-trasferiment tal-persuna kkundannata lejn dan l-Istat, jekk dan ikun minnu, jista' jwassal *de facto* għal piena itwal ta' priġunerija minn dik li kellha tiġi skontata fl-Istat emittenti.

54 — C-187/01 u C-385/01, EU:C:2003:87.

55 — Punt 33

56 — Ara l-istudju tal-IRCP intitolat "Material detention condition, execution of custodial sentences and prisoner transfer in the EU Member States", 2011. Ara wkoll, il-punt 4.1.8 tal-Green Paper tal-Kummissjoni msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35 ta' dawn il-Konklużjonijiet fejn din tirrileva li "id-differenzi fil-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri għal dak li jirrigwarda t-terminu minimu ta' priġunerija [...] ħolqu diffikultajiet ta' applikazzjoni u anki rifjut ta' trasferiment għaliex jistgħu jwasslu għal piena inqas severa jew anki libertà immedjata". Dawn id-diffikultajiet qamu fl-istess termini fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar it-trasferiment.

57 — Infakkar li skont din id-dispożizzjoni, "[l]-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha, fuq talba, tinforma lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti dwar id-dispożizzjonijiet applikabbli għal liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata. L-Istat emittenti jista' jaqbel ma' l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet jew jista' jirtira ċ-ċertifikat".

158. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma toġġezzjonax fir-rigward tad-dritt għal libertà u sigurtà sanċit fl-Artikolu 5 tal-KEDB sakemm it-tul tad-detenzjoni ma jeċċedix dik mogħtija skont il-proċedura penali inizjali. Hija ma teskludix, madankollu, li piena ta' detenzjoni nettament itwal *de facto* fl-Istat ta' eżekuzzjoni tista' twassal għar-responsabbiltà tal-Istat emittenti skont l-Artikolu 5 tal-KEDB, u dan minħabba l-konsegwenzi li huma prevedibbli fil-mument li fih ġie deċiż it-trasferiment [58].

## VII – **Konklużjoni**

159. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmulin mis-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofia, Il-Bulgarija) bil-mod li ġej:

(1) Fid-dawl tal-prinċipji li fuqhom hija bbażata d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI, tas-27 ta' Novembru 2008, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea, jiġifieri, minn naħa, il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u min-naħa l-oħra, il-prinċipji ta' territorjalità tal-liġi kriminali u tal-individwalizzazzjoni tal-piena, l-Artikolu 17(1) u (2) ta' din id-deċiżjoni qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regola nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru li lilu tiġi trażmessa sentenza għall-finijiet tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni tagħha jagħtu lill-persuna kkundannata tnaqqis tal-piena minħabba xogħol imwettaq minn din tal-aħħar matul id-detenzjoni tagħha fl-Istat Membru li fih ingħatat is-sentenza.

(2) Is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofia) għandha, skont l-obbligu tagħha ta' interpretazzjoni konformi, twarrab l-interpretazzjoni mogħtija mill-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema ta' kassazzjoni, Il-Bulgarija) tal-Artikolu 41(3) tan-Nakazatelen Kodeks (Kodiċi Kriminali Bulgaru) billi ma tapplikax din id-dispożizzjoni għall-perijodu ta' detenzjoni skontat mill-persuna kkonċernata fid-Danimarka.

58 — Qorti EDB, 27 ta' Ġunju 2006, Szabó vs L-Iżvezja, CE:ECHR:2006:0627DEC002857803, p. 9. Fil-kawża li waslet għal din is-sentenza, il-persuna kkonċernata setgħet raġonevolment tittama li tiġi lliberata fl-Iżvezja ladarba jiġu skontati żewġ terzi tal-priġunerija tagħha ta' għaxar snin, jiġifieri wara sitt snin u tmien xhur. Minħabba t-trasferiment tagħha lejn l-Ungerija, hija ma setgħetx tippretendi libertà kundizzjonata ħlief wara li tkun skontat erba' kwinti minn din il-piena, jiġifieri wara tmien snin. Għalhekk, fid-dritt, il-piena tagħha ma kinitx aggravata, madankollu fil-fatt, il-persuna kkonċernata kellha tiskonta fl-Ungerija piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà ta' sena u erba' xhur iktar minn dik li kellha tiskonta fl-Iżvezja. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għandha għalhekk teżamina jekk it-trasferiment tal-persuna kkonċernata lejn l-Ungerija u l-estensjoni *de facto* tat-tul tad-detenzjoni tagħha setgħux jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 5 tal-KEDB. F'dan il-każ, hija kkunsidrat li l-perijodu addizzjonali ta' detenzjoni li l-persuna kkonċernata tirriskja li tiskonta fl-Ungerija kien ekwivalenti għal 20 % tat-tul li hija setgħet tiskonta fl-Iżvezja. Wara li rrilevat li d-differenza ta' sena u erba' xhur ma hijiex negliġibbli, hija ddeċidiet, madankollu, li t-tul tad-detenzjoni li l-persuna kkonċernata ser tiskonta xorta jibqa' jaqa' fil-limiti tal-piena mogħtija.